Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0224(COD)

26.6.2017

EMENDI
1118 - 1347

Abbozz ta' rapport
Laura Ferrara
(PE597.506v01-00)

Proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2016)0467 – C8-0321/2016 – 2016/0224(COD))

Emenda 1118
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti tista' testendi dak il-limitu ta' żmien ***ta' sitt xhur*** b'perjodu ta' mhux aktar minn ***tliet xhur*** fejn:	3. L-awtorità determinanti tista' testendi dak il-limitu ta' żmien b'perjodu ta' mhux aktar minn ***xahrejn*** fejn:

Or. en

Emenda 1119
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat japplikaw simultanjament għall-protezzjoni internazzjonali, bir-riżultat li jsir diffiċli fil-prattika li l-proċedura tiġi ffinalizzata fil-limitu ta' żmien ***ta' sitt xhur***;	(a) numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat japplikaw simultanjament għall-protezzjoni internazzjonali, bir-riżultat li jsir diffiċli fil-prattika li l-proċedura tiġi ffinalizzata fil-limitu ta' żmien;

Or. en

Emenda 1120
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti tista' tipposponi l-konklużjoni tal-proċedura tal-eżami meta ma jkunx mistennija b'mod raġonevoli li tiddeċiedi fil-limiti ta'	***imħassar***

żmien stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 40(4) fir-rigward tal-proċedura aċċellerata ta' eżami minħabba sitwazzjoni inċerta fil-pajjiż ta' oriġini li tkun mistennija li tkun temporanja. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:

(a) twettaq reviżjonijiet tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull xaharejn;

(b) tinforma lill-applikanti kkonċernati fi żmien raġonevoli bir-raġunijiet għall-posponiment.

L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fi żmien raġonevoli dwar il-posponiment tal-proċeduri għal dak il-pajjiż ta' oriġini. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura ta' eżami fi żmien 15-il xahar minn meta ssir l-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni tidher eċċessivament arbitrarja u tista' tikkawża dewmien mhux ġustifikat fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

Emenda 1121
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti tista' tipposponi l-konklużjoni tal-proċedura tal-eżami meta ma jkunx mistennija b'mod raġonevoli li tiddeċiedi fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 40(4) fir-rigward tal-proċedura aċċellerata ta' eżami minħabba	***imħassar***

sitwazzjoni inċerta fil-pajjiż ta' oriġini li tkun mistennija li tkun temporanja. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:

(a) twettaq reviżjonijiet tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull xaharejn;

(b) tinforma lill-applikanti kkonċernati fi żmien raġonevoli bir-raġunijiet għall-posponiment.

L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fi żmien raġonevoli dwar il-posponiment tal-proċeduri għal dak il-pajjiż ta' oriġini. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura ta' eżami fi żmien 15-il xahar minn meta ssir l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1122
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti tista' tipposponi l-konklużjoni tal-proċedura tal-eżami meta ma jkunx mistennija b'mod raġonevoli li tiddeċiedi fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 40(4) fir-rigward tal-proċedura aċċellerata ta' eżami minħabba sitwazzjoni inċerta fil-pajjiż ta' oriġini li tkun mistennija li tkun temporanja. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:	***imħassar***
(a) twettaq reviżjonijiet tas-sitwazzjoni	

f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull xaharejn;

(b) tinforma lill-applikanti kkonċernati fi żmien raġonevoli bir-raġunijiet għall-posponiment.

L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fi żmien raġonevoli dwar il-posponiment tal-proċeduri għal dak il-pajjiż ta' oriġini. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura ta' eżami fi żmien 15-il xahar minn meta ssir l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1123
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti tista' tipposponi l-konklużjoni tal-proċedura tal-eżami meta ma jkunx mistennija b'mod raġonevoli li tiddeċiedi fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 40(4) fir-rigward tal-proċedura aċċellerata ta' eżami minħabba sitwazzjoni inċerta fil-pajjiż ta' oriġini li tkun mistennija li tkun temporanja. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:	***imħassar***
(a) twettaq reviżjonijiet tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull xaharejn;	
(b) tinforma lill-applikanti kkonċernati fi żmien raġonevoli bir-raġunijiet għall-posponiment.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tistax sempliċiment titwaqqaf indefinittivament. Minbarra li xxejjen l-iskadenzi stabbiliti aktar qabel fl-Artikolu, ma tipprovdi ebda ċertezza legali għall-applikant jew għall-amministrazzjoni, u tistabbilixxi ostakolu kbir għall-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti għall-applikant li jkun qed jistenna d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu.

Emenda 1124
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) twettaq reviżjonijiet tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull xaharejn;	(a) twettaq reviżjonijiet tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż ta' oriġini tal-inqas kull xaharejn; ***dawn ir-reviżjonijiet se jsiru minn korpi kompetenti fil-livell tal-UE.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proċedura eċċezzjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq approċċ komuni u gwida fil-livell tal-UE.

Emenda 1125
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tinforma lill-applikanti kkonċernati ***fi żmien raġonevoli bir-raġunijiet għall-posponiment***.	(b) tinforma lill-applikanti kkonċernati ***mill-aktar fis possibbli dwar ir-raġunament wara d-deċiżjoni li tipposponi temporanjament id-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 1126
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fi żmien raġonevoli dwar il-posponiment tal-proċeduri għal dak il-pajjiż ta' oriġini. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura ta' eżami fi żmien ***15-il*** xahar minn meta ssir l-applikazzjoni.	L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fi żmien raġonevoli dwar il-posponiment tal-proċeduri għal dak il-pajjiż ta' oriġini. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura ta' eżami fi żmien ***12-il*** xahar minn meta ssir l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1127
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem jew raġonevolment hu mistenni li jifhem.	1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant ***u lill-konsulent legali jew konsulent ieħor tiegħu*** mingħajr dewmien ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sebat ijiem minn meta tittieħed id-deċiżjoni*** f'ilsien li jifhem jew raġonevolment hu mistenni li jifhem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat ukoll lill-konsulent legali tal-applikant. Huwa importanti li tiġi imposta skadenza għan-notifika lill-applikant, b'mod partikolari biex l-applikant ikun jista' jikkonforma ma' kwalunkwe skadenza għall-appell mid-deċiżjoni meħuda.

Emenda 1128
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem jew raġonevolment hu mistenni li jifhem.	1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem jew raġonevolment hu mistenni li jifhem***, u fejn possibbli b'lingwa sempliċi***.

Or. en

Emenda 1129
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem ***jew raġonevolment hu mistenni li jifhem***.	1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika biex jitjieb l-għoti tal-informazzjoni.

Emenda 1130
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem ***jew raġonevolment hu mistenni li jifhem***.	1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem.

Or. en

Emenda 1131
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem ***jew raġonevolment hu mistenni li jifhem***.	1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-applikant mingħajr dewmien f'ilsien li jifhem.

Or. en

Emenda 1132
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-	***imħassar***

deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub, sakemm mhux diġà pprovduta lill-applikant b'xi mod ieħor.

Or. en

Emenda 1133
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub***, sakemm mhux diġà pprovduta lill-applikant b'xi mod ieħor***.	2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub.

Or. en

Emenda 1134
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata	2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata

bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat ***jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja***, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub, sakemm mhux diġà pprovduta lill-applikant b'xi mod ieħor.

bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub, sakemm mhux diġà pprovduta lill-applikant b'xi mod ieħor.

Or. en

Emenda 1135
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għandha tingħata bil-miktub***, sakemm mhux diġà pprovduta lill-applikant b'xi mod ieħor***.	2. Fejn applikazzjoni hija rrifjutata bħala inammissibbli, bħala mingħajr bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata, ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi għandhom ikunu ddikjarati f'dik id-deċiżjoni. Informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali - ***inkluż dwar l-iskadenzi rilevanti,*** għandha tingħata bil-miktub.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni dwar kif wieħed jappella deċiżjoni jenħtieġ li tinkludi dettalji dwar l-iskadenzi rilevanti. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata dejjem bil-miktub.

Emenda 1136
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali ***u/jew*** il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.	3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, ***il-vjolenza abbażi ta' sess, traffikar,*** l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali***, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess, jew*** il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 1137
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu***, partikolarment f'każijiet li***	3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu. F'każijiet bħal dawn,

jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u/jew il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 1138
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem ***konjuġi, sħab,*** minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess***, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali*** u/jew il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.	3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess u/jew il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

Or. bg

Emenda 1139
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti	3. F'każijiet ta' applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti

dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta ***l-applikazzjoni tkun ibbażata*** fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali ***u/jew*** il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.	dipendenti mingħajr kapaċità legali, u kull meta ***l-applikazzjonijiet ikunu kollha bbażati*** fuq l-istess raġunijiet ***eżatti,*** l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali ***jew*** il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għaċ-ċarezza

Emenda 1140
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***F'każijiet*** ta' ***applikazzjonijiet f'isem konjuġi, sħab, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali,*** u kull meta ***l-applikazzjoni tkun ibbażata*** fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali ***u/jew*** il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.	3. ***Meta Stat Membru jiddeċiedi li jeżamina applikazzjonijiet*** ta' ***membri tal-familja b'mod konġunt*** u kull meta ***l-applikazzjonijiet ikunu bbażati*** fuq l-istess raġunijiet, l-awtorità determinanti tista tieħu deċiżjoni waħda, li tkopri lill-applikanti kollha, ħlief jekk dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' ċirkostanzi partikolari ta' applikant li jistgħu jfixklu l-interessi tiegħu, partikolarment f'każijiet li jinvolvu s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali ***jew*** il-persekuzzjoni bbażata fuq l-età. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ deċiżjoni separata lill-persuna kkonċernata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex tingħata l-possibilità lill-Istati Membri jeżaminaw b'mod konġunt l-applikazzjonijiet.

Emenda 1141
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 36	***imħassar***
Deċiżjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni	
1. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u għandha tirriffjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	
(a) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 44 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	
(b) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 45 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	
(c) l-applikazzjoni tkun applikazzjoni sussegwenti, fejn ebda elementi jew sejbiet ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) jew relatati mar-raġuni tal-inammissibilità applikata qabel, ma jkunu	

rriżultaw jew ġew ippreżentati mill-applikant;

(d) konjuġi jew sieħeb jew minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.

2. Applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata fuq il-merti tagħha f'każijiet fejn applikazzjoni mhix eżaminata b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), inkluż fejn Stat Membru ieħor ikun ta protezzjoni internazzjonali lill-applikant, jew meta applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont il-paragrafu 1.

3. Il-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja li jkun ġie risistemat skont proċedura mħaffa b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni).37

4. Meta, wara l-eżami ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jqis li din hija ammissibbli, id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhiex għalfejn terġa' tiġi applikata mill-Istat Membru responsabbli.

5. Meta awtorità determinanti prima facie tqis li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, din ma għandhiex tkun obbligata li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni.

---

37 ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Emenda 1142
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 36	***imħassar***
Deċiżjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni	
1. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	
(a) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 44 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	
(b) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 45 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	
(c) l-applikazzjoni tkun applikazzjoni sussegwenti, fejn ebda elementi jew sejbiet ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) jew relatati mar-raġuni tal-inammissibilità applikata qabel, ma jkunu rriżultaw jew ġew ippreżentati mill-applikant;	
(d) konjuġi jew sieħeb jew minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-	

applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.

2. Applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata fuq il-merti tagħha f'każijiet fejn applikazzjoni mhix eżaminata b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), inkluż fejn Stat Membru ieħor ikun ta protezzjoni internazzjonali lill-applikant, jew meta applikazzjoni tiġi rriffjutata bħala inammissibbli skont il-paragrafu 1.

3. Il-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja li jkun ġie risistemat skont proċedura mħaffa b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni).37

4. Meta, wara l-eżami ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jqis li din hija ammissibbli, id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhiex għalfejn terġa' tiġi applikata mill-Istat Membru responsabbli.

5. Meta awtorità determinanti prima facie tqis li applikazzjoni tista' tiġi rriffjutata bħala manifestament mingħajr bażi, din ma għandhiex tkun obbligata li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni.

---

37 ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammisibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1143
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	***imħassar***
(a) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 44 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	
(b) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 45 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	
(c) l-applikazzjoni tkun applikazzjoni sussegwenti, fejn ebda elementi jew sejbiet ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) jew relatati mar-raġuni tal-inammissibilità applikata qabel, ma jkunu rriżultaw jew ġew ippreżentati mill-applikant;	
(d) konjuġi jew sieħeb jew minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u	

ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.

Or. en

Emenda 1144
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	1. ***Meta jkun hemm inidkazzjonijiet li jeżistu r-raġunijiet imsemmija f'dan il-paragrafu,*** l-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:

Or. en

Emenda 1145
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u ***għandha tirrifjuta applikazzjoni*** bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	1. L-awtorità determinanti għandha tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u ***tista' tirrifjutaha*** bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:

Or. fr

Emenda 1146
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha*** tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u ***għandha*** tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	1. L-awtorità determinanti ***tista'*** tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u ***tista'*** tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċeduri tal-ammisibilità jenħtieġ li jibqgħu fakultattivi sabiex tinżamm il-flessibilità għall-Istati Membri.

Emenda 1147
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha*** tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u ***għandha*** tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:	1. L-awtorità determinanti ***tista'*** tivvaluta l-ammissibilità ta' applikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, u ***tista'*** tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli fejn tapplika xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-ammisibilità jenħtieġ li ma jkunx impost fuq l-Istati Membri. Jenħtieġ li jibqa' parti fakultattiva tal-proċedura tal-asil.

Emenda 1148
Elly Schlein, Juan Fernando López Aguilar, Cécile Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 44 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1149
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 44 sakemm ***ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun*** ammess ***jew ammess*** mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	(a) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 44 sakemm ***ikun se jiġi*** ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;

Or. en

Emenda 1150
Elly Schlein, Juan Fernando López Aguilar, Cécile Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 45 sakemm ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1151
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 45 sakemm ***ma jkunx ċar li l-applikant mhux se jkun*** ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;	(b) pajjiż li mhux Stat Membru hu meqjus li huwa l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant skont l-Artikolu 45 sakemm ***ikun se jiġi*** ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż;

Or. en

Emenda 1152
Elly Schlein, Juan Fernando López Aguilar, Cécile Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikazzjoni tkun applikazzjoni sussegwenti, fejn ebda elementi jew sejbiet ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-	***imħassar***

Kwalifika) jew relatati mar-raġuni tal-inammissibilità applikata qabel, ma jkunu rriżultaw jew ġew ippreżentati mill-applikant;

Or. en

Emenda 1153
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) konjuġi jew sieħeb jew minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1154
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) konjuġi jew sieħeb jew minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.	(d) konjuġi jew sieħeb jew minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu***, skont l-Artikolu 31,*** biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-mod ta' kif konjuġi, sieħeb jew minorenni akkompanjat jagħti l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu jkun ċar.

Emenda 1155
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
r) ***konjuġi jew sieħeb jew*** minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni ***tal-konjuġi, tas-sieħeb jew*** tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.	r) minorenni akkompanjat jippreżenta applikazzjoni wara li hu jkun ta l-kunsens tiegħu biex l-applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu, u ma jkun hemm l-ebda fatt li jirrigwardja s-sitwazzjoni tal-minorenni li jiġġustifika applikazzjoni separata.

Or. bg

Emenda 1156
Elly Schlein, Juan Fernando López Aguilar, Cécile Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata fuq il-merti tagħha f'każijiet fejn applikazzjoni mhix eżaminata b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), inkluż fejn Stat Membru ieħor ikun ta protezzjoni internazzjonali lill-applikant, jew meta applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont il-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1157
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata fuq il-merti tagħha f'każijiet fejn applikazzjoni mhix eżaminata b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), inkluż fejn Stat Membru ieħor ikun ta protezzjoni internazzjonali lill-applikant***, jew meta applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont il-paragrafu 1***.	2. Applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata fuq il-merti tagħha f'każijiet fejn applikazzjoni mhix eżaminata b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), inkluż fejn Stat Membru ieħor ikun ta protezzjoni internazzjonali lill-applikant.

Or. en

Emenda 1158
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja li jkun ġie risistemat skont proċedura mħaffa b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni).37	***imħassar***

37 ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Emenda 1159
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja li jkun ġie risistemat skont proċedura mħaffa b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni).37	***imħassar***

37 ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Emenda 1160
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni ***sussidjarja*** li jkun ġie risistemat ***skont proċedura mħaffa*** b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni).[37]	3. Il-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għal benefiċjarju ta' protezzjoni ***internazzjonali*** li jkun ġie risistemat b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni).[37]
[37] ĠU L […], […], p. […].	[37] ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Emenda 1161

Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta, wara l-eżami ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jqis li din hija ammissibbli, id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhiex għalfejn terġa' tiġi applikata mill-Istat Membru responsabbli.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi mressqa għar-Regolament ta' Dublin, mhu se jsir ebda test ta' ammissibilità skont dak ir-Regolament. Għall-finijiet ta' konsistenza, iridu nħassru r-referenza għat-testijiet ta' ammissibilità fl-ewwel Stati Membri.

Emenda 1162
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta, wara l-eżami ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jqis li din hija ammissibbli, id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhiex għalfejn terġa' tiġi applikata mill-Istat Membru responsabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1163
Elly Schlein, Juan Fernando López Aguilar, Cécile Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta, wara l-eżami ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jqis li din hija ammissibbli, id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b) ma għandhiex għalfejn terġa' tiġi applikata mill-Istat Membru responsabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1164
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta awtorità determinanti prima facie tqis li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, din ma għandhiex tkun obbligata li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza mal-emendi preċedenti. Peress li t-test tal-ammissibilità mhuwiex obbligatorju, m'hemmx għalfejn li nipprovdu lill-Istati Membri bl-għażla li jiddeċiedu malajr fuq il-merti tal-applikazzjoni. Xejn ma għandu jwaqqaf lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni

mgħaġġla fuq kwalunkwe applikazzjoni, sakemm tagħmel l-intervista personali meħtieġa u tivvaluta l-evidenza rilevanti b'mod komprensiv.

Emenda 1165
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta awtorità determinanti prima facie tqis li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, din ma għandhiex tkun obbligata li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1166
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta awtorità determinanti prima facie tqis li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, din ma għandhiex tkun obbligata li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni.	5. Meta awtorità determinanti prima facie tqis li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi ***skont l-Artikolu 37(3)***, din ma għandhiex tkun obbligata li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1167
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta teżamina applikazzjoni fuq il-merti, l-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala rifuġjat***, u jekk le, għandha tiddetermina jekk l-applikant huwiex eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja b'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika)***.	1. Meta teżamina applikazzjoni fuq il-merti, l-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala rifuġjat.

Or. en

Emenda 1168
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fejn din tistabbilixxi li l-applikant ma jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).	2. L-awtorità determinanti għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fejn din tistabbilixxi li l-applikant ma jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). ***L-applikant għandu d-dritt għal rimedju effettiv u għandu jkun jista' jikkontesta din id-deċiżjoni fil-qorti.***

Or. en

Emenda 1169
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-awtorità determinanti għandha tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi ***fil-każijiet imsemmija*** fl-Artikolu 40(1)(a), (b), (c), (d) u (e).	3. L-awtorità determinanti għandha tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi ***meta jkun hemm indikazzjonijiet li jeżistu r-raġunijiet*** fl-Artikolu 40(1)(a), (b), (c), (d) u (e).

Or. en

Emenda 1170
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti għandha tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)(a), (b), (c), (d) ***u (e)***.	3. L-awtorità determinanti għandha tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)(a), (b), (c), ***u*** (d).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-provenjenza minn pajjiż ta' oriġini sigur ma għandhiex tkun raġuni awtomatika biex wieħed iqis l-applikazzjoni bħala manifestament mingħajr bażi peress li l-persuna jista' jkollha ħtiġijiet ta' protezzjoni individwali anki jekk tkun ġejja minn pajjiż ta' oriġini sigur.

Emenda 1171
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti għandha tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40***(1)(a), (b), (c), (d) u (e)***.	3. L-awtorità determinanti għandha tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40.

Or. en

Emenda 1172
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti ***għandha*** tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)(***a),*** ***(***b)***, (c), (d) u (e)***.	3. L-awtorità determinanti ***tista'*** tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)(b).

Or. en

Emenda 1173
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti ***għandha*** tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)(***a),*** ***(***b), (c), (d) ***u (e)***.	3. L-awtorità determinanti ***tista'*** tiddikjara applikazzjoni mingħajr bażi bħala manifestament mingħajr bażi fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)(b), (c), ***u*** (d).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li s-sejbien li applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi għandu implikazzjonijiet għar-ritorn possibbli tal-applikant, jenħtieġ li jintuża biss fejn xieraq. Dan jenħtieġ li jiġi vvalutat mill-awtorità determinanti abbażi tać-ċirkostanzi tal-każ individwali u mhux impost mid-dritt tal-Unjoni.

Emenda 1174
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant jista', ex officio u fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura, jirtira l-applikazzjoni tiegħu.	1. Applikant jista', ex officio u fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura, jirtira l-applikazzjoni tiegħu. ***L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikant jifhem il-konsegwenzi proċedurali kollha ta' deċiżjoni bħal din.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li l-applikant jifhem il-konsegwenzi (konsiderevoli) tal-irtirar espliċitu tal-applikazzjoni tiegħu.

Emenda 1175
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1176
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Or. en

Emenda 1177
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha tirrifjuta*** applikazzjoni ***bħala abbandunata*** meta:	1. L-awtorità determinanti ***tista' twaqqaf deċiżjoni dwar il-merti ta'*** applikazzjoni meta:

Or. en

Emenda 1178
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala ***abbandunata*** meta:	1. L-awtorità determinanti għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala ***rtirata b'mod implicitu*** meta:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mat-titolu tal-Artikolu.

Emenda 1179
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala ***abbandunata*** meta:	1. L-awtorità determinanti għandha tirrifjuta applikazzjoni bħala ***rtirata*** meta:

Or. en

Emenda 1180
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 minkejja li kellu opportunità effettiva biex jagħmel dan;	(a) l-applikant ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 minkejja li kellu opportunità effettiva biex jagħmel dan ***u jkun ġie informat dwar il-konsegwenzi jekk ma jressaqx l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien mogħti***;

Or. en

Emenda 1181
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 minkejja li kellu opportunità effettiva biex jagħmel dan;	(a) ***tliet xhur wara r-reġistrazzjoni u minkejja li jkun ġie mfakkar mill-awtorità determinanti*** l-applikant ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 minkejja li kellu opportunità effettiva biex jagħmel dan;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-qbiż tal-iskadenzi bi ftit jiem jenħtieġ li ma jwassalx għal miżuri ħorox bħal irtirar impliċitu peress li proċedura bħal din aktarx twassal għal żidiet drammatiċi ta' proċeduri ta' appell għaljin u li jieħdu ħafna ħin. Barra minn hekk, l-awtoritajiet jenħtieġ li jkunu obbligati jfakkru lill-applikant iressaq l-applikazzjoni tiegħu sabiex jilqgħu għall-problemi fejn l-applikant ma jkunx fehem li jrid iressaq l-applikazzjoni jew fejn applikazzjoni mressqa tkun intilfet.

Emenda 1182
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) konjuġi, sieħeb jew minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1183
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) konjuġi, sieħeb jew minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);	(b) ***tliet xhur wara r-reġistrazzjoni u minkejja li jkun ġie mfakkar mill-awtorità determinanti*** konjuġi, sieħeb jew minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-qbiż tal-iskadenzi bi ftit jiem ma għandux iwassal għal miżuri ħorox bħal irtirar impliċitu peress li proċedura bħal din aktarx twassal għal żidiet drammatiċi ta' proċeduri ta' appell għaljin u li jieħdu ħafna ħin. Barra minn hekk, l-awtoritajiet jenħtieġ li jkunu obbligati jfakkru lill-applikant iressaq l-applikazzjoni tiegħu sabiex jilqgħu għall-problemi fejn l-applikant ma jkunx fehem li jrid iressaq l-applikazzjoni jew fejn applikazzjoni mressqa tkun intilfet.

Emenda 1184
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt б

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
б(a) ***konjuġi, sieħeb jew*** minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);	б(a) minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);

Or. bg

Emenda 1185
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) konjuġi***, sieħeb*** jew minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);	b) konjuġi jew minorenni ma jkunx ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu wara li l-applikant ikun naqas milli jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) u (8);

Or. hu

Emenda 1186
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji meħtieġa ***sabiex l-applikazzjoni*** tiġi eżaminata u billi ma ***jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni*** ta' ***wiċċu*** skont l-Artikolu 7(3);	(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji meħtieġa ***msemmija f'(a) u (b) tat-tieni paragrafu fl-Artikolu 27(1) biex*** tiġi eżaminata ***l-applikazzjoni jew*** u billi ma ***jikkonformax mal-proċess*** ta' ***teħid ta' data bijometrika*** skont l-Artikolu 7(3);

Or. en

Emenda 1187
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji meħtieġa sabiex l-applikazzjoni tiġi eżaminata ***u*** billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni ta' wiċċu skont l-Artikolu 7(3);	(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***kollha*** meħtieġa sabiex l-applikazzjoni tiġi eżaminata ***jew*** billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni ta' wiċċu skont l-Artikolu 7(3) ***jew b'nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 7(7)***;

Or. en

Emenda 1188
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera	(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera

billli ma jipprovdix id-dettalji ***meħtieġa sabiex l-applikazzjoni tiġi eżaminata u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni*** ta' ***wiċċu skont l-Artikolu 7(3)***;	billli ma jipprovdix id-dettalji ***elenkati fl-Artikolu 27(1)(a) u (b) għall-eżami*** ta' ***applikazzjoni***;

Or. en

Emenda 1189
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji meħtieġa ***sabiex l-applikazzjoni tiġi eżaminata u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni ta' wiċċu skont l-Artikolu 7(3***);	(c) l-applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji meħtieġa ***skont il-punti (a*) *u (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dettalji minimi li applikant jeħtieġ li jipprovdi huma stabbiliti fl-Artikolu 27(1). Jekk ma jkun hemm ebda evidenza li tenħtieġ protezzjoni allura applikazzjoni tista' tkun irrifjutata bħala mingħajr bażi iżda biex tintlaħaq deċiżjoni li l-applikazzjoni ġiet irtirata b'mod impliċitu, jenħtieġ li jkun ċar li l-applikant ma tax id-dettalji minimi meħtieġa dwaru.

Emenda 1190
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-applikant ma jattendix għal intervista personali għalkemm hu kien meħtieġ jagħmel dan skont l-Artikoli 10 sa 12;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa raġonevoli li l-awtoritajiet jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar il-merti sostantivi tal-applikazzjoni mingħajr ma ssir intervista jekk l-applikant ma jattendix għall-intervista. Madankollu, jekk din titqies bħala raġuni għal irtirar impliċitu, ikun aħrax wisq u jista' jwassal għal numru konsiderevoli ta' appelli li jieħdu ħafna ħin.

Emenda 1191
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-applikant ma ***jattendix*** għal intervista personali għalkemm hu kien meħtieġ jagħmel dan skont l-Artikoli 10 sa 12;	(d) l-applikant ma ***attendiex*** għal intervista personali ***aktar minn darba u mingħajr spjegazzjoni raġonevoli*** għalkemm hu kien meħtieġ jagħmel dan skont l-Artikoli 10 sa 12;

Or. en

Emenda 1192
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-applikant ikun abbanduna l-post ta' residenza tiegħu, mingħajr ma jkun informa lill-awtoritajiet kompetenti jew mingħajr awtorizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 7(4);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet determinanti jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu l-valutazzjoni tal-merti tal-każ tal-applikant anki jekk ikun abbanduna l-post ta' residenza tiegħu. Madankollu, jekk din

titqies bħala raġuni għal irtirar impliċitu, ikun aħrax wisq u jista' jwassal għal numru konsiderevoli ta' appelli li jieħdu ħafna ħin.

Emenda 1193
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-applikant ikun abbanduna l-post ta' residenza tiegħu, mingħajr ma jkun informa lill-awtoritajiet kompetenti jew mingħajr awtorizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 7(4);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1194
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-applikant ikun abbanduna l-post ta' residenza tiegħu, mingħajr ma jkun informa lill-awtoritajiet kompetenti jew mingħajr awtorizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 7(4);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jista' jitqies biss li rtira l-applikazzjoni tiegħu b'mod espliċitu meta ma jsegwix il-passi proċedurali meħtieġa. Minn hemm, hija l-awtorità determinanti li għandha tasal għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Emenda 1195
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant ikun naqas milli jikkonforma b'mod ripetut mad-dmirijiet tar-rapportar imposti fuqu skont l-Artikolu 7(5).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Segwi l-bidliet fl-Artikolu 7(5).

Emenda 1196
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant ikun naqas milli jikkonforma b'mod ripetut mad-dmirijiet tar-rapportar imposti fuqu skont l-Artikolu 7(5).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet determinanti jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu l-valutazzjoni tal-merti tal-każ tal-applikant anki jekk ikun naqas mill-obbligi ta' rapportar. Madankollu, jekk din titqies bħala raġuni għal irtirar impliċitu, ikun aħrax wisq u jista' jwassal għal numru konsiderevoli ta' appelli li jieħdu ħafna ħin.

Emenda 1197
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant ikun naqas milli jikkonforma ***b'mod ripetut*** mad-dmirijiet tar-rapportar imposti fuqu skont l-Artikolu 7(5).	(f) l-applikant ikun naqas milli jikkonforma mad-dmirijiet tar-rapportar imposti fuqu skont l-Artikolu 7(5) ***f'aktar minn okkażjoni waħda***.

Or. en

Emenda 1198
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant ikun naqas milli jikkonforma ***b'mod ripetut mad-dmirijiet tar-rapportar*** imposti fuqu skont l-Artikolu 7(5).	(f) l-applikant ikun naqas milli jikkonforma ***mar-responsabbiltajiet*** imposti fuqu skont l-Artikolu 7(5) ***u 7(6)***.

Or. en

Emenda 1199
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni;

Or. ro

Emenda 1200
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. (g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;

Or. en

Emenda 1201
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' xahar mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.	***imħassar***

Or. hu

Emenda 1202
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li ***l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li*** l-applikazzjoni ***se tkun irrifjutata*** b'mod ***definit bħala abbandunata sakemm*** l-applikant ma ***jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' xahar mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub***.	2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, ***u fejn l-applikant ġie informat kif xieraq mill-awtoritajiet responsabbli fil-bidu tal-proċedura rigward l-obbligi tiegħu msemmija f'dan ir-regolament u dwar il-konsegwenzi jekk jonqos minn dawn l-obbligi,*** l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah ***dwar id-deċiżjoni*** li ***tirrifjuta*** l-applikazzjoni ***bħala rtirata*** b'mod ***impliċitu jew mingħajr bażi, jekk l-awtorità determinanti tkun diġà sabet, fl-istadju li fih l-applikazzjoni tiġi ritrata b'mod impliċitu, li*** l-applikant ma ***jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE)cNru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika)***.

Or. en

Emenda 1203
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun	2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun

twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala ***abbandunata*** sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' xahar mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.	twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala ***rtirata b'mod impliċitu*** sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' xahar mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mat-titolu tal-Artikolu.

Emenda 1204
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***xahar*** mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.	2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***tliet xhur*** mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xahar huwa qasir ħafna u mhux perjodu ta' żmien realistiku.

Emenda 1205
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***xahar*** mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.	2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***tliet xhur*** mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.

Or. en

Emenda 1206
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***xahar*** mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.	2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni se tkun irrifjutata b'mod definit bħala abbandunata sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***ġimagħtejn*** mid-data meta tintbagħat in-notifika bil-miktub.

Or. en

Emenda 1207
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni ***se tkun irrifjutata*** b'mod definit ***bħala abbandunata*** sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***xahar*** mid-data meta ***tintbagħat in-notifika*** bil-miktub.	2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha twaqqaf l-eżami tal-applikazzjoni u tibgħat notifika bil-miktub lill-applikant fil-post tar-residenza jew l-indirizz imsemmi fl-Artikolu 7(4), fejn tinformah li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun twaqqaf u li l-applikazzjoni ***tista' titwaqqaf*** b'mod definit sakemm l-applikant ma jirrapportax lura lill-awtorità determinanti fi żmien perjodu ta' ***disa' xhur*** mid-data meta ***jirċievi n-notifika*** bil-miktub.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan iż-żmien huwa allinjat mad-Direttiva attwali dwar il-Proċeduri tal-Asil.

Emenda 1208
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-applikant jirrapporta lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar u juri li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1209
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Meta l-applikant jirrapporta lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar u juri li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. hu

Emenda 1210
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-applikant jirrapporta lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar ***u juri li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom,*** l-awtorità determinanti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni.	3. Meta l-applikant jirrapporta lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar l-awtorità determinanti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li l-applikant jipprovdi evidenza li kwalunkwe nuqqas ta' rapportar kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom jista' jwassal għal tilwim legali ieħor li jtawwal il-proċess tal-applikazzjoni. Ikun aktar sempliċi li wieħed jissokta l-proċess.

Emenda 1211
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-applikant jirrapporta lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' ***xahar*** u juri li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni.	3. Meta l-applikant jirrapporta lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' ***ġimagħtejn*** u juri li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1212
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar u ma jurix li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tqis li l-applikazzjoni tkun ġiet irtirata b'mod impliċitu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1213
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar ***u ma jurix li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom***, l-awtorità determinanti	4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' xahar, l-awtorità determinanti għandha tqis li l-applikazzjoni tkun ġiet irtirata

għandha tqis li l-applikazzjoni tkun ġiet irtirata b'mod impliċitu.

b'mod impliċitu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li l-applikant jipprovdi evidenza li kwalunkwe nuqqas ta' rapportar kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom jista' jwassal għal tilwim legali ieħor li jtawwal il-proċess tal-applikazzjoni. Ikun aktar sempliċi li wieħed jissokta l-proċess.

Emenda 1214
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' ***xahar*** u ma jurix li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tqis li l-applikazzjoni tkun ***ġiet irtirata*** b'mod ***impliċitu***.	4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' ***disa' xhur*** u ma jurix li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tqis li l-applikazzjoni tkun ***twaqqfet*** b'mod ***definit***.

Or. en

Emenda 1215
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' ***xahar u*** ma jurix li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tqis li l-applikazzjoni tkun ġiet irtirata	4. Meta l-applikant ma jirrapportax lill-awtorità determinanti f'dak il-perjodu ta' ***ġimagħtejn jew*** ma jurix li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, l-awtorità determinanti għandha tqis li l-applikazzjoni

b'mod impliċitu.	tkun ġiet irtirata b'mod impliċitu.

Or. en

Emenda 1216
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn applikazzjoni tiġi rtirata b'mod impliċitu mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala abbandunata jew bħala mingħajr bażi fejn l-awtorità determinanti tkun, fl-istadju li fih l-applikazzjoni tiġi rtirata impliċitament, diġà sabet li l-applikant ma jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1217
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn applikazzjoni tiġi rtirata b'mod impliċitu mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala abbandunata jew bħala mingħajr bażi fejn l-awtorità determinanti tkun, fl-istadju li fih l-applikazzjoni tiġi rtirata	***imħassar***

impliċitament, diġà sabet li l-applikant ma jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).

Or. en

Emenda 1218
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fejn applikazzjoni tiġi rtirata b'mod impliċitu mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjoni li ***tirrifjuta*** l-applikazzjoni bħala abbandunata jew bħala mingħajr bażi ***fejn l-awtorità determinanti tkun, fl-istadju li fih l-applikazzjoni tiġi rtirata impliċitament, diġà sabet li l-applikant ma jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika)***.	(5) Fejn applikazzjoni tiġi rtirata b'mod impliċitu mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjoni li ***twaqqaf*** l-applikazzjoni bħala abbandunata jew bħala mingħajr bażi. ***.***

Or. hu

Emenda 1219
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn applikazzjoni tiġi rtirata b'mod impliċitu mill-applikant, l-awtorità determinanti ***għandha*** tieħu deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala ***abbandunata*** jew bħala mingħajr bażi fejn	5. Fejn applikazzjoni tiġi rtirata b'mod impliċitu mill-applikant, l-awtorità determinanti ***tista'*** tieħu deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala ***rtirata b'mod impliċitu*** jew bħala mingħajr bażi

l-awtorità determinanti tkun, fl-istadju li fih l-applikazzjoni tiġi rtirata impliċitament, diġà sabet li l-applikant ma jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).	fejn l-awtorità determinanti tkun, fl-istadju li fih l-applikazzjoni tiġi rtirata impliċitament, diġà sabet li l-applikant ma jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mat-titolu tal-Artikolu. L-għażla tar-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni tibqa' f'idejn l-awtorità determinanti.

Emenda 1220
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Meta tiddeċiedi dwar iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li din il-persuna ma titneħħiex bi ksur tal-prinċipu ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 1221
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-proċedura ta' rtirar impliċitu ma għandhiex tapplika għall-minorenni.

Or. en

Emenda 1222
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti għandha, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***, f'każijiet fejn:***	1. L-awtorità determinanti għandha, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***meta jiġi determinat li l-applikant jinsab f'qagħda ta' vulnerabbiltà li fiha huwa jeħtieġ li jirċievi protezzjoni internazzjonali fl-iqsar żmien possibbli.***

Or. en

Emenda 1223
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha***, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'każijiet fejn:	1. L-awtorità determinanti ***tista'***, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'każijiet fejn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher li huwa sensibbli li l-Istati Membri jingħataw ċerta diskrezzjoni dwar jekk jużawx proċeduri aċċellerati jew le.

Emenda 1224
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha***, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'każijiet fejn:	1. L-awtorità determinanti ***tista'***, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'każijiet fejn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għażla li japplikaw proċedura aċċellerata jenħtieġ li tibqa' fakultattiva għall-awtoritajiet determinanti. Xejn ma jżomm lil awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni mgħaġġla skont l-eżami normali tal-merti.

Emenda 1225
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha***, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'każijiet fejn:	1. L-awtorità determinanti ***tista'***, b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, taċċellera l-eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'każijiet fejn:

Or. en

Emenda 1226
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant, fil-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu u fil-preżentazzjoni tal-fatti, ikun qajjem biss kwistjonijiet li mhumiex rilevanti għall-eżami dwar jekk huwa jikkwalifikax jew le bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1227
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 1228
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-applikazzjoni aktarx tkun iġġustifikata;

Or. en

Emenda 1229
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun għamel rappreżentazzjonijiet li b'mod ċar kienu inkonsistenti u kontradittorji li jkunu foloz jew manifestament improbabbli jew insuffiċjenti li jikkontradixxu informazzjoni vverfikata kif xieraq dwar il-pajjiż ta' oriġini, li konsegwentement jwasslu biex it-talba tiegħu ma tkunx tidher konvinċenti fir-rigward ta' jekk jikkwalifikax jew le bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1230
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma ta' informazzjoni jenħtieġ li ma jkollhiex bħala konsegwenza li tiġi applikata proċedura aċċellerata.

Emenda 1231
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1232
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew ***tan-nazzjonalità*** tiegħu ***li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni***;	(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih***,*** ***qered jew rema*** informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità***,*** ***in-nazzjonalità,*** jew ***ir-rotta tal-vjaġġ*** tiegħu ***jew ir-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***;

Or. en

Emenda 1233
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti ***foloz*** jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni;	(c) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni ***falza, dokumenti foloz*** jew dokumenti ***ffalsifikati*** jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità***, l-età*** jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni;

Or. fr

Emenda 1234
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-applikant qed jagħmel applikazzjoni sempliċiment biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti jew imminenti li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn territorju ta' Stat Membru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1235
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) l-applikant qed jagħmel applikazzjoni sempliċiment biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti jew imminenti li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn territorju ta' Stat Membru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1236
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-applikant qed jagħmel applikazzjoni sempliċiment ***biex*** jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti jew imminenti li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn territorju ta' Stat Membru;	(d) l-applikant qed jagħmel applikazzjoni sempliċiment ***bil-għan li*** jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti jew imminenti li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn territorju ta' Stat Membru;

Or. fr

Emenda 1237
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-applikant qed jagħmel applikazzjoni sempliċiment biex jittardja jew ***ifixkel*** l-infurzar ta' deċiżjoni ***preċedenti jew imminenti*** li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn territorju ta' Stat Membru;	(d) l-applikant qed jagħmel applikazzjoni sempliċiment biex jittardja***, ifixkel*** jew ***jipprevjeni*** l-infurzar ta' deċiżjoni li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu minn territorju ta' Stat Membru;

Or. en

Emenda 1238
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-applikant fis-sens ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1239
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-applikant fis-sens ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1240
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-applikant fis-sens ta' dan ir-Regolament;	(e) pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-applikant fis-sens ta' dan ir-Regolament***, diment li jista' jingħata appoġġ adegwat għall-fini tal-Artikolu 19 fil-kuntest ta' proċedura bħal din***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem huwa allinjat mal-Emendi 35 u 36 tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar ir-Regolament li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini siguri ("ir-Regolament SCO").

Emenda 1241
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) pajjiż terz ***jista' jitqies*** bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-applikant fis-sens ta' dan ir-Regolament;	(e) pajjiż terz ***huwa meqjus*** bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu għall-applikant fis-sens ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1242
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1243
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 40(1)(f) tmexxa għall-Artikolu 40(1)(aa).

Emenda 1244
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant jista', għal raġunijiet serji, jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1245
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant jista'***, għal raġunijiet serji,*** jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;	(f) l-applikant jista' jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 1246
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-applikant jista'***, għal raġunijiet serji,*** jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;	(f) l-applikant jista' jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 1247
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-applikant wettaq reat, li huwa punit bi priġunerija.

Or. en

Emenda 1248
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux	***imħassar***

kontroll fuqhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċeduri aċċellerati mhumiex għodda xierqa biex jillimitaw movimenti sekondarji, f'każijiet fejn l-applikant aktarx jirċievi protezzjoni tista' taħdem ukoll bħala inċentiv ta' ħarba.

Emenda 1249
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligi stabbiliti fir-Regolament ta' Dublin ma għandhom ebda effett fuq jekk applikant huwiex intitolat għal protezzjoni internazzjonali.

Emenda 1250
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin),	***imħassar***

mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;

Or. en

Emenda 1251
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1252
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu ***20***(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;	(g) l-applikant jikser l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu ***4***(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), mingħajr ma jkun jista' juri li l-ksur kien dovut għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;

Or. en

Emenda 1253
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-applikant ivvjaġġa jew ipprova jivvjaġġa lejn pajjiż barra t-territorju tal-Istati Membri tal-UE, speċjalment lejn il-pajjiż ta' oriġini tal-applikant, minn meta ġie rreġistrat bħala applikant għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru tal-UE.

Or. en

Emenda 1254
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti, fejn ikun tant ċar li l-applikazzjoni hija bla sustanza jew abużiva li din ma jkollha l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fatt li applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti ma jimplikax li mhux se jkollha suċċess. Il-fatt li każijiet bħal dawn ma jaqgħux taħt proċedura aċċellerata ta' eżami ma għandux iwaqqaf lill-awtorità determinanti milli tasal għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, diment li tagħmel l-intervista personali meħtieġa u tivvaluta l-evidenza rilevanti b'mod komprensiv.

Emenda 1255
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti, fejn ikun tant ċar li l-applikazzjoni hija bla sustanza jew abużiva li din ma jkollha l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1256
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti, fejn ikun tant ċar li l-applikazzjoni hija bla sustanza jew abużiva li din ma jkollha l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess.	3) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti, ***inkluż*** fejn ***il-persuna diġà ma ngħatatx protezzjoni jew kienet is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, fejn*** ikun tant ċar li l-applikazzjoni hija bla sustanza jew abużiva li din ma jkollha l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess.

Or. bg

Emenda 1257
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti***, fejn ikun tant ċar li l-applikazzjoni hija bla sustanza jew abużiva li din*** ma jkollha l-ebda prospett ***tanġibbli*** ta' suċċess**.**	(h) L-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti ***li b'mod ċar*** ma ***għandhiex elementi sostantivi u għalhekk ma*** jkollha l-ebda prospett ta' suċċess***;***

Or. en

Emenda 1258
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni. ***Bħala eċċezzjoni, fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu (1)(d), l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien tmint ijiem ta' xogħol.***	2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1259
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni. ***Bħala eċċezzjoni, fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu (1)(d), l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien tmint ijiem ta' xogħol.***	2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1260
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni. ***Bħala eċċezzjoni, fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu (1)(d), l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien tmint ijiem ta' xogħol.***	2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija skadenza oħra bla bżonn imposta fuq l-awtorità determinanti. Jekk tapplika l-proċedura aċċellerata, allura jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni fi żmien xahrejn.

Emenda 1261
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni. Bħala eċċezzjoni, fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu (1)(d), l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien tmint ijiem ta' xogħol.	2. L-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien xahrejn minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni. Bħala eċċezzjoni, fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu (1)(d) ***u (1)(h)***, l-awtorità determinanti għandha tikkonkludi l-proċedura aċċellerata ta' eżami fi żmien tmint ijiem ta' xogħol.

Or. en

Emenda 1262
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istat Membru responsabbli għandu jippermetti lill-applikanti jibqgħu fit-territorju tagħhom sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih ikollhom id-dritt għal rimedju effettiv u, meta tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju, f'konformità mal-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1263
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-awtorità determinanti tqis li l-eżami tal-applikazzjoni jinvolvi kwistjonijiet ta' fatti jew ta' liġi li huma kumplessi biex jiġu eżaminati taħt proċedura aċċellerata ta' eżami, din tista' tkompli l-eżami fuq il-merti b'konformità mal-Artikoli 34 u 37. F'dak il-każ, jew fejn ma tkunx tista' tittieħed deċiżjoni oħra fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2, l-applikant ikkonċernat għandu jkun infurmat dwar il-bidla fil-proċedura.	4. Fejn l-awtorità determinanti tqis li l-eżami tal-applikazzjoni jinvolvi kwistjonijiet ta' fatti jew ta' liġi li huma kumplessi ***wisq*** biex jiġu eżaminati taħt proċedura aċċellerata ta' eżami, din tista' tkompli l-eżami fuq il-merti b'konformità mal-Artikoli 34 u 37. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtorità determinanti li tiddikjara applikazzjoni manifestament mingħajr bażi skont l-Artikolu 37(3) li għandu jibqa' validu wkoll għall-proċedura sussegwenti ta' eżami fuq il-merti.*** F'dak il-każ, jew fejn ma tkunx tista' tittieħed deċiżjoni oħra fil-

	limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2, l-applikant ikkonċernat għandu jkun infurmat dwar il-bidla fil-proċedura.

Or. en

Emenda 1264
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-awtorità determinanti tqis li l-eżami tal-applikazzjoni jinvolvi kwistjonijiet ta' fatti jew ta' liġi li huma kumplessi biex jiġu eżaminati taħt proċedura aċċellerata ta' eżami, ***din*** tista' tkompli l-eżami fuq il-merti b'konformità mal-Artikoli 34 u 37. F'dak il-każ, ***jew fejn ma tkunx tista' tittieħed deċiżjoni oħra fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2,*** l-applikant ikkonċernat għandu jkun infurmat dwar il-bidla fil-proċedura.	4. Fejn l-awtorità determinanti tqis li l-eżami tal-applikazzjoni jinvolvi kwistjonijiet ta' fatti jew ta' liġi li huma kumplessi ***wisq*** biex jiġu eżaminati taħt proċedura aċċellerata ta' eżami, ***jew fejn ma tkunx*** tista' ***tittieħed deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2, din għandha*** tkompli l-eżami fuq il-merti b'konformità mal-Artikoli 34 u 37. F'dak il-każ, l-applikant ikkonċernat għandu jkun infurmat dwar il-bidla fil-proċedura.

Or. en

Emenda 1265
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta:	***imħassar***
(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-	

Artikolu 47;

(b) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-minorenni mhux akkompanjati qatt ma għandhom ikunu eżaminati skont proċedura aċċellerata.

Emenda 1266
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta:	***imħassar***
(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47;	
(b) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.	

Or. en

Emenda 1267

Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta:	***imħassar***
(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47;	
(b) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.	

Or. en

Emenda 1268
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta***:***	5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta ***jiġi determinat li l-minorenni mhux akkompanjat jinsab f'qagħda ta' vulnerabbiltà li fiha huwa jeħtieġ li jirċievi protezzjoni internazzjonali fl-iqsar żmien possibbli.***

Or. en

Emenda 1269
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta***:***	5. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss meta ***l-applikazzjoni aktarx tkun ġustifikata.***

Or. en

Emenda 1270
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-uniku punt li jenħtieġ li jiġġustifika proċeduri aċċellerati għall-minorenni huwa meta jkun hemm riskju għas-sigurtà.

Emenda 1271
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1272
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1273
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1274
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1275
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-proċedura aċċellerata ta' eżami ma għandhiex tapplika għall-minorenni.

Or. en

Emenda 1276
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1277
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti tista', skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati Memrbi dwar***:***	1. L-awtorità determinanti tista', skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, tieħu deċiżjoni***, fid-diskrezzjoni tagħha stess u skont il-kapaċità tagħha,*** dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati Memrbi dwar

Or. bg

Emenda 1278
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti tista'***, skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II,*** tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati ***Memrbi dwar***:	1. L-awtorità determinanti tista' tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati ***Membri skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II. Din id-deċiżjoni għandha tiġi limitata għal***:

Or. en

Emenda 1279
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-awtorità determinanti ***tista'***, skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati ***Memrbi*** dwar:	1. L-awtorità determinanti ***għandha***, skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati ***Membri*** dwar:

Or. en

Emenda 1280
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***tista'***, skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati ***Memrbi*** dwar:	1. L-awtorità determinanti ***għandha***, skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II, tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fl-Istati ***Membri*** dwar:

Or. fr

Emenda 1281
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-ammissibilità ta' applikazzjoni li ssir f'tali postijiet skont l-Artikolu 36(1); jew	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammisibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1282
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-ammissibilità ta' applikazzjoni li ssir f'tali postijiet skont l-Artikolu 36***(1)***; jew	(a) l-ammissibilità ta' applikazzjoni li ssir f'tali postijiet skont l-Artikolu 36; jew

Or. en

Emenda 1283
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-merti ta' applikazzjoni fil-każijiet soġġetti għal proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1284
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-merti ta' applikazzjoni fil-każijiet soġġetti għal proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40.	(b) ***l-irtirar impliċitu ta' applikazzjoni skont il-punti rilevanti fl-Artikolu 39(1) jew*** il-merti ta' applikazzjoni fil-każijiet soġġetti għal proċedura aċċellerata ta'

eżami msemmija fl-Artikolu 40.

Or. en

Emenda 1285
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u komplet tal-applikazzjoni, u mhux aktar minn ***erba'*** ġimgħat minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.	2. Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u komplet tal-applikazzjoni, u mhux aktar minn ***tmien*** ġimgħat minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1286
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u komplet tal-applikazzjoni, u mhux aktar minn ***erba' ġimgħat*** minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.	2. Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u komplet tal-applikazzjoni, u mhux aktar minn ***ġimagħtejn*** minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1287
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta deċiżjoni finali ma tkunx ittieħdet fi żmien ***erba'*** ġimgħat kif indikat fil-paragrafu 2, l-applikant ma għandux jibqa' jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata b'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.	3. Meta deċiżjoni finali ma tkunx ittieħdet fi żmien ***tmien*** ġimgħat kif indikat fil-paragrafu 2, l-applikant ma għandux jibqa' jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata b'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1288
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta deċiżjoni finali ma tkunx ittieħdet fi żmien ***erba' ġimgħat*** kif indikat fil-paragrafu 2, l-applikant ma għandux jibqa' jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata b'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.	3. Meta deċiżjoni finali ma tkunx ittieħdet fi żmien ***ġimagħtejn*** kif indikat fil-paragrafu 2, l-applikant ma għandux jibqa' jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata b'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1289
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta deċiżjoni finali ma tkunx ittieħdet fi żmien erba' ġimgħat kif indikat fil-paragrafu 2, l-applikant ma għandux jibqa' jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata b'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' ***dan ir-Regolament***.	3. Meta deċiżjoni finali ma tkunx ittieħdet fi żmien erba' ġimgħat kif indikat fil-paragrafu 2, l-applikant ma għandux jibqa' jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata b'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' ***din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 1290
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każijiet ta' wasliet li jinvolvu numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr Stat li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fuq il-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu, li jagħmluha diffiċli fil-prattika li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 f'dawn il-postijiet, il-proċeduri fuq il-funtiera jistgħu jiġu wkoll applikati f'postijiet qrib il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1291
Elly Schlein

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każijiet ta' wasliet li jinvolvu numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr Stat li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fuq il-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu, li jagħmluha diffiċli fil-prattika li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 f'dawn il-postijiet, il-proċeduri fuq il-funtiera jistgħu jiġu wkoll applikati f'postijiet qrib il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1292
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Sergei Stanishev, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma tistax tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-pożizzjoni li adotta l-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, il-minorenni mhux akkompanjati jenħtieġ li qatt ma jinżammu b'dan il-mod, għaldaqstant il-proċedura fuq il-fruntiera qatt ma tista' tkun applikata għall-minorenni mhux akkompanjati.

Emenda 1293
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tapplika għall-minorenni.

Or. en

Emenda 1294
Péter Niedermüller, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Sergei Stanishev, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata għal minorenni mhux akkompanjati, f'konformità mal-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva (UE) Nru XXX/XXX (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) biss fejn:	***imħassar***
(a) l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz meqjus li hu pajjiż ta' oriġini bla periklu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47;	
(b) l-applikant ikun jista' għal raġunijiet serji jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali;	
(c) hemm raġunijiet ġustifikati li wieħed iqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla periklu għall-applikant skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45;	
(d) l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv	

fuq id-deċiżjoni.

Il-punt (d) għandu jkun applikat biss fejn ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed iqis li l-applikant ikun qed jipprova jaħbi elementi rilevanti li x'aktarx iwasslu għal deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u sakemm l-applikant ikun ingħata opportunità effettiva biex jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għall-azzjonijiet tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-pożizzjoni li adotta l-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, il-minorenni mhux akkompanjati jenħtieġ li qatt ma jinżammu b'dan il-mod, għaldaqstant il-proċedura fuq il-fruntiera qatt ma tista' tkun applikata għall-minorenni mhux akkompanjati.

Emenda 1295
